MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1212/2002

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Bristow Potteries Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta’ Ottubru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi b’rikors tas-7 ta’ Mejju, 2002, (dok A), John Borg u Philip Borg esponew illi s-socjeta Bristow Potteries Limited irrendiet ruhha hatja lejn l-awtorita’ tal-qorti minhabba illi:

1.1. ir-rikorrenti huma titolarji tad-drittijiet ta’ l-awtur skond

Kap. 415 tal-Ligijiet dwar *souvenirs* ta’ platti dekorattivi li juru xeni ta’ Malta, fosthom l-Imdina;

1.2. illi fis-sena 2001 is-socjeta Bristow Potteries Limited ghamlet u bdiet tbiegh kopji ta’ dawn is-*souvenirs*, mill-istabbiliment ta’ l-istess socjeta’ f’Ta’ Qali u bl-ingrossa lil diversi hwienet li kienu jixtru l-original ta’ dawn is-*souvenirs* minghand ir-rikorrenti;

1.3. illi fid-dawl ta’ dan ir-rikorrenti talbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex is-socjeta’ msemmija ma tkomplix tahdem u/jew timporta u tbiegh jew toffri ghall-bejgh dawn il-kopji;

1.4. illi fit-2 ta’ Lulju, 2001, din it-talba intlaqghet permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 1603/01DS fl-ismijiet: *John Borg et - vs- Bristow Potteries Limited*;

1.5. illi r-rikorrenti kienu mbaghad fethu kawza kontra s-socjeta msemmija b’citazzjoni numru 1334/01JRM;

1.6. illi minkejja l-hrug tal-mandat imsemmi, is-socjeta’ msemmija ma tatx kaz l-ordnin tal-qorti u baqghet sal-lum tbiegh u tqassam dawn is-*souvenirs* kif inghat, u li fuqhom ir-rikorrenti igawdu drittijiet ta’ awtur;

1.7. illi dan l-agir tas-socjeta’ msemmija jikkostitwixxi d-disprezz imsemmi;

1.8. ghalhekk ir-rikorrenti talbu lill-qorti joghgobha tipprocedi bil-procedura ghal disprezz tal-qorti kontra s-socjeta’ msemmija ossija kontra d-diretturi taghha illi fizikament komplew jisfidaw l-ordinijiet tal-qorti.

2. Illi b’digriet moghti fil-21 ta’ Mejju, 2002 (dok. B), il-Prim’Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tar-rikorrenti kif maghmula fir-rikors tas-7 ta’ Mejju, 2002.

3. Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

(i) tiddikjaraha, tramite d-diretturi taghha, responsabbli ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti skond Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(ii) issibha hatja ta' l-istess disprezz.

(iii) Tikkundannaha ghall-pieni ndikati fl-istess Kodici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Preliminarjament l-insostenibilita tal-azzjoni attrici ghad illi ma jinsabx indikat taht liema artikolu tal-Kodici Tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, qed jigu maghmula t-talbiet attrici.

2. Preliminarjament ukoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost l-insostenibilita tal-azzjoni attrici ghad illi l-azzjoni promossa hija min-natura taghha wahda ta' indoli kriminali u ghalhekk ma tistax isir kontra persuna morali bhal ma hija s-socjeta eccipjenti.

3. Minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghad illi ma humiex minnu li s-socjeta eccipjenti bieghet u qassmet u offriet ghall-bejgh souvenirs li

fuqhom igawdu dritt ta’ awtur l-atturi wara l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni imsemmi fic-citazzjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Adrian Grima, I.D. 574747(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha wara li allegatament injorat u ma obdietx l-ordni taghha kontenuta fil-mandat ta’ inibizzjoni numru 1603 tas-sena 2001 meta komplew jahdmu u jbieghu *souvenirs* li skond l-ahwa Borg, l-istess ahwa Borg kellhom dritt ta’ awtur fuqhom.

Il-Qorti se tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenuti wahda wara l-ohra qabel taghmel il-kostatazzjonijiet taghha.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni l-Qorti thoss li hija kompletament infondata ghaliex il-konvenuti jafu ezattament x’qed jitlob l-attur u ghaliex. L-attur indika kjarament it-talba tieghu u avolja ma kellux ghalfejn indika addirittura t-titolu tal-Kapitolu 12 tal-Ligjijiet ta’ Malta fic-citazzjoni tieghu. Anke f’kazijiet fejn ic-citazzjoni ma kinitx daqshekk cara din il-Qorti ma ddikjaratix nulla (ara s-sentenza Astro Shop Limited vs Bank of Valletta (29 ta’ Marzu, 2004) *multo magis* fejn il-Qorti assolutament ma tirriskontrax dan in-nuqqas fic-citazzjoni odjerna.

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi ukoll illi bhala tali ma tistax tigi kkundannata ghal disprezz tal-Qorti billi dawn il-proceduri huma ta' indoli kriminali. Il-Qorti taqbel li kawzi ta' disprezz huma ta' natura aktar kriminali milli civili kif anke qalet din il-Qorti fil-kawza Registratur tal-Qorti vs Anthony Gauci (11 ta' Lulju, 2001) u cioe' illi *jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proediment jigi ntrodott b'citazzoni cioe' att li ordinarjament jintuza f'azzjonijet civili ma jnehhi xejn min-natura kriminali.* L-istess intqal fil-kawza Catherine Portelli vs Joseph Cachia (28 ta' Jannar, 1991) mill-Qorti tal-Appell.

Madankollu din il-kwistjoni giet deciza diversi drabi minn din il-Qorti fis-sens li; "*huwa veru li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom ikunu responsabbli ghal delitti jew kwazi delitti u ghalhekk il-kundanna taghhom trid issir tramite l-persuna li ghandu r-responsabilita' biex tagixxi ghan-nom taghhom. Dan huwa ntiz pero' proprju biex tigi evitata eccezzoni f'dan is-sens u dana a skapitu tal-individwu li jkun sofra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kwazi delitt ta' responsabilita' meta wiehed jasal ghall kundanna, trid issir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors personali bhal ma hija fil-penali u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha m'humiex distinti bl-ebda mod mill-effetti taghha m'humix distinti b'ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawzi l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obligi civili. Meta ghalhekk dan l-effett ikun identiku u jikkonverti ruhu fi hlas ta' somma ghad-danni m'ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall hlas ta' danni rizultanti minn kawza ta' obbligu kuntratwali u dak rizultanti minn responsabilita' delittwali.*" (Pace vs Attard - Qorti ta' l-Appell - 14 ta' Lulju, 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet Victor Galea vs Marin Hili (Prim'Awla - 1 ta' Ottubru, 1996) il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-persuna ghall finijet ta' responsabilita' delittwali tinkludi wkoll

socjeta' kummercjali (ara Registratur tal-Qorti vs Silvio Camilleri - 17 ta' Juannar, 2001).

Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk fattwalment irrizultawx l-allegazzjoniet tal-attur mill-provi. Il-Qorti jihdrilha li ma hemm ebda dubbju li dan sar. Il-Qorti semghet lil Philip Borg u lil Adrian Grima (direttur tas-socjeta' konvenuta) u ma ghandha ebda dubbju li miz-zewg verzjonijiet l-iktar wahda kredibbli hija ta' Borg. Mill-komportament ta' Grima il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li pprova jevita li jirrispondi ghad-domanda li saritlu mid-difensur ta' Borg u cioe' jekk baqghux jahdmu u jbiegh l-oggetti in kwistjoni, kif anke evita il jirrispondi jekk fil-proceduri kriminali kienx accetta *tramite* verbal li dan sar. Il-fatt li gew illiberati fuq punt iehor ma jaffettwa xejn dawn il-proceduri u l-Qorti ghandha l-konvinzjoni anzi certezza li s-socjeta' konvenuta kisret l-ordni tal-mandat ta' inibizzjoni msemmi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici kollha u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas multa ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500).**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------